# Is-Summit tal-UE ta' nhar il-Ġimgħa

***Proposti tal-KE dwar tibdil istituzzjonali u l-Baġit tal-UE għal wara l-2020***

*Artiklu miktub minn James Azzopardi – Uffiċjal Esekuttiv, MEUSAC*
*Ippubblikat fil-ġurnal L-Orizzont – 19.02.18*

F'summit bejn is-27 mexxejja tal-Istati Membri, li se jsir nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar, se jiġu diskussi deċiżjonijiet importanti li jridu jittieħdu għall-futur tal-UE – kemm fejn jidħlu bidliet amministrattivi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u kif ukoll għal dak li qed isejjaħ bħala "baġit ġdid, modern u fit-tul tal-UE", li se jkun immirat biex iwassal b'mod effiċjenti l-prijoritajiet tal-Unjoni wara l-2020. Il-prijoritajiet ivarjaw mis-sigurtà, fondi Ewropej, l-agrikultura, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, fost l-oħrajn.

Il-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-mexxejja tal-Istati Membri għandhom ħafna deċiżjonijiet importanti x'jieħdu u li se jaffettwaw id-direzzjoni li se tieħu l-UE fis-snin li ġejjin.

Waħda mill-aktar temi importanti hi dik tal-baġit tal-UE. Il-baġit tal-UE għal din is-sena hu ta' €160 biljun – "ammont kbir f'termini assoluti, iżda huwa biss 1% tal-ġid iġġenerat kull sena mill-ekonomiji tal-UE". Ġeneralment, il-baġit tal-UE hu mifrux fuq seba' snin u hu suġġett għal-limiti stabbiliti skont il-prijoritajiet maqbula bejn l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew fl-hekk imsejjaħ 'qafas finanzjarju multiannwali' (Multiannual Financial Framework). Kif tispjega l-UE, "dan jistabbilixxi l-ammonti annwali massimi li l-UE tista' tonfoq f'oqsma politiċi differenti".

Propju bħalissa, l-UE għaddejja b'diskussjonijiet rigward bidliet li se jaffettwaw il-qafas finanzjarju multiannwali wara s-sena 2020 (2021-2027). Il-baġit tal-UE għal wara l-2020 huwa sfida akbar, partikolarment bil-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE magħruf aħjar bħala Brexit. Ir-raġuni mhux biss għax ir-Renju Unit hu kontributur ewlieni għall-baġit tal-UE, imma wkoll għax il-Brexit wera l-bżonn li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom fuq sfidi komuni, bħall-migrazzjoni, is-sigurtà u d-difiża, u l-moviment ħieles, partikolarment tal-ġenerazzjonijiet iż-żgħar.

Sintendi, biex il-miri ta' dawn il-prijoritajiet ikunu milħuqa, hemm bżonn ta' finanzjament vast u sod, u l-ammonti għal kull prijorità jridu jkunu definiti skont l-importanza li jagħtuhom l-Istati Membri u l-mexxejja tal-UE. Huwa importanti li l-għażliet li jsiru jissarrfu f'termini ta' investiment finanzjarju f'oqsma li jagħmlu differenza fil-ħajja taċ-ċittadini.

Il-Kummissjoni qed tisħaq li "lil hinn milli sempliċement mixtieq fuq livell politiku, ftehim bikri hu importanti wkoll mil-lat prattiku. L-imsieħba u l-benefiċjarji tal-fondi tal-UE - minn studenti u riċerkaturi għal infrastruttura, kura tas-saħħa jew proġetti tal-enerġija - kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali ħaqqhom u għandhom bżonn ċertezza kemm legali kif ukoll finanzjarja".

Barra minn hekk, l-UE qed taffaċċja bidliet amministrattivi u istituzzjonali wkoll. Waħda minn dawn il-bidliet taffettwa n-numru ta' Membri Parlamentari Ewropej (MPE), propju minħabba l-fatt li t-73 Membru tal-Parlament Ewropew mir-Renju Unit ma jibqgħux iktar MPE meta pajjiżhom jitlaq mill-UE. Il-bidla f'dan in-numru se taffettwa wkoll il-mod ta' kif il-President tal-Kummissjoni se jkun elett.

Is-sistema li ntużat biex jiġi elett Jean-Claude Juncker bħala President tal-Kummissjoni hi magħrufa bħala 'spitzenkandidaten', li litteralment tfisser il-mexxejja ewlenin (b'referenza għall-mexxejja ta' kull grupp politiku rappreżentati fil-Parlament Ewropew). Permezz ta' din is-sistema, il-President tal-Kummissjoni ġie magħżul mill-aktar grupp politiku fil-Parlament li jkun ġab voti miċ-ċittadini Ewropej waqt l-elezzjonijiet Ewropej. Din is-sistema mhix inkluża fl-ebda trattat tal-UE, u s'issa ntużat darba biss, fl-2014.

Għalkemm il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew huma favur li din is-sistema terġa' tintuża fl-2019, jidher li hemm numru mhux ħażin ta' Stati Membri li ma jaqblux. Dan jista' joħloq problema serja bejn l-istituzzjonijiet għaliex filwaqt li l-kandidat għall-funzjoni ta' President tal-Kummissjoni jiġi propost mill-Kunsill Ewropew, jiġifieri mill-Istati Membri, wara li jqis l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-kandidat propost irid ikun elett mill-Parlament b'maġġoranza tal-membri tiegħu.

Il-Parlament Ewropew reċentement stqarr li lest jirrifjuta kandidat għall-post ta' President tal-Kummissjoni Ewropea jekk ma jkunx il-'kandidat ewlieni' ta' partit politiku Ewropew qabel l-elezzjoni Ewropea. Hu mifhum li d-djalogu dwar is-sistema 'spitzenkandidaten' se jkun fil-qalba tad-diskussjonijiet ta' nhar il-Ġimgħa.

Il-Kummissjoni Ewropea se tippreżenta l-proposta formali tagħha għall-baġit fit-tul tal-UE li jmiss f'Mejju li ġej. Sadanittant, dawk li huma interessati li jsemmgħu leħinhom dwar is-suġġett jistgħu jagħmlu dan permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u onlajn dwar il-prijoritajiet tal-UE li kienu mnedija f'Jannar 2018. Min jixtieq jagħti l-kontribut f'dawn il-konsultazzjonijiet jista' jidħol fis-sit elettroniku tal-MEUSAC www.meusac.gov.mt fejn isib l-informazzjoni neċessarja. Min jixtieq aktar informazzjoni jista' jikkuntattja direttament lill-MEUSAC fuq info.meusac@gov.mt jew 2200 3300. Il-MEUSAC iservi wkoll bħala Ċentru Ewropew għall-informazzjoni (EDIC) b'servizz personalizzat f'280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, edicvalletta.meusac@gov.mt jew 2200 3316.